**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 50 - IT-TLIETA 7 TA' APRIL 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fl-8:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Glenn Fenech | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk ffirmati mis-SE u s-Sindku.

## 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Agius għamel riferenza għall-para. 1.2 fejn informa li kien mar fuq il-post mal-Inġinier tal-Enemalta fejn dan infurmah li t-talba għal ħlas addizzjonali kienet saret minħabba li hemm tul aktar min-normal iżda jekk il-kunsill japplika biex il-bozza tkun installata fuq arblu f'inqas distanza (li ma taqbiżx il-mitt metru) ma tinvolvih l-ebda spejjeż żejda. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Agius kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal bozza fuq arblu li hemm qabel l-arblu fejn saret it-talba oriġinali.

2.2. Il-Kunsilliera Miceli staqsiet jekk il-kwestjonarju imsemmi f'para.3.2 kienx tlesta. Is-SE informa li kien se jgħaddi kopja tiegħu lil kulħadd.

2.3. Dwar para. 3.4 is-SE informa li l-ġurnata ta' qabel kienet saret laqgħa għas-SEi u s-Sindki fis-sala tal-Kunsill Lokali Naxxar li kienet imsejħa mill-Onor. Dott. Chris Said dwar skemi ta' finanzjament għal min jixtieq jagħmel l-uffiċċju tiegħu l-aċċessibli. Huwa rraporta li l-attendenza kienet tajba ħafna għaliex kien hemm madwar 100 persuna li attendew. Għal dawk il-Kunsilli Lokali li diġà huma aċċessibbli se jingħataw il-possibiltà li jagħmlu xi postijiet pubbliċi oħra aċċessibbli minflok. Il-Kunsill qabel li, possibilment għandu japplika biex jagħmel xi postijiet

pubbliċi aċċessibbli. F'dan ir-rigward issemmew Ġnien il-Ħamrija, xi ranep u l-Kappella ta' San Ġwann.

### 3. *PERFORMANCE BONUS* GĦALL-IMPJEGATI

3.1. Il-Kunsill iddiskuta l-*performance bonus* għall-impjegati fejn kien hemm qbil unanimu li l-impjegati kollha tal-Kunsill għandhom jingħataw l-ogħla persentaġġ permess mil-liġi, jiġifieri 10% għas-SE u 6% għall-ħaddiema klerikali, minħaba li kien meqjus li eċċedew dak mistenni minnhom matul l-aħħar sena.

### 4. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

4.1. Is-Sindku infurmat li kienet saret il-laqgħa mas-sidien ta' żewġ stalel taż-żwiemel fil-Magħtab (Lucienne Selvagi tas-*Sunflower Horse Riding School* u Neville Mallia tal-*Magħtab Riding Club*) il-Ġimgħa 13 ta' Marzu. Hija infurmat li dawn iż-żewġ persuni kellhom jirranġaw biex issir żjara lill-mogħdija li għamlu apposta l-Wasteserv biex tintuża mis-sidien taż-żwiemel u li huma qed jallegaw li hija inaċċessibli għaliex perikoluża. Huma talbu wkoll li tiġi rranġata mogħdija oħra li tinsab fuq il-blat biswit il-baħar bejn in-Naxxar u Pembroke iżda, skont kif indikaw fuq pjanta, tidher li din il-mogħdija tisab 'il barra mill-konfini tan-Naxxar. Is-Sindku infurmat ukoll li kienu qed jitolbu wkoll li tinfetaħ mogħdija bi dritt Triq Qalet Marku f'Baħar iċ-Ċagħaq biex jevitaw li jgħaddu mit-toroq ta' din iż-żona ħalli jnaqqsu l-inkonvenjent. Infurmat ukoll li huma offrew li jġibu ż-żwiemel tagħhom kemm-il darba l-Kunsill ikollu xi attività.

4.2. Is-Sindku infurmat li l-Wasteserv kienu bagħtu rappreżentanti għal-laqgħa magħha u mas-SE il-Ġimgħa 6 ta' Marzu dwar ilmenti li tressqu lilhom mir-residenti tal-Magħtab. Is-SE informa li dwar din il-laqgħa kien għadda l-minuti lill-membri kollha. Hija infurmat li ħafna mill-problemi msemmija mhumiex ġodda għall-Kunsill. Minħabba li waħda mill-problemi msemmija kienet il-veloċità minn Triq il-Kappella ta' Santa Marija, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jara jekk il-Kumitat Konġunt jaqbilx li tiġi installata *speed camera* li iżda tikkontrolla l-veloċità tal-vetturi goffi skont ir-regoli stabbiliti. Kien hemm qbil ukoll li tkun installata mera fiż-żona ta' quddiem l-aħwa Micallef fl-istess triq.

4.3. Is-Sindku infurmat li hija u s-SE kienu ltaqgħu mas-Segretarja tas-Sindku ta' Reggio Calabria dwar skambju ta' żgħażagħ Maltin/Taljani. L-etajiet tal-istudenti għandha tkun minn 17-il sena 'l fuq. Wara li jiġu definiti d-dettalji kollha għandu jsir riklam fuq il-pubblikazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġu mħajra żgħażagħ li jixtiequ jiffurmaw parti minn dan il-grupp. Il-Kunsilliera Miceli ħeġġet lill-Kunsill biex jinsisti li jintbagħat *leader* magħhom.

### 5. KOMMUNIKAZZJONIJIET OĦRA

5.1. Il-Kunsillier Gatt informa li kien iltaqa' mar-rappreżentanti tal-Iskola Primarja rigward l-inizjattiva tal-*walking bus*. Huwa informa li, sfortunatament, s'issa ma kien hemm l-ebda persuna li aċċettat li tkun *leader*.

5.2. Il-Viċi Sindku infurmat li kienet attendiet għal-Laqgħa tas-Sindki fejn infurmat li, fost l-oħrajn, kien ġie rakkomandat li jkun hemm *depot* għall-vetturi goffi f'kull lokalità. Tkellmet ukoll dwar il-pubbliċità li qed issir ta' SWITCH u kif il-Kunsilli jistgħu jgħinu. Is-Sindku infurmat li kienet diġà talbet biex ikunu inklużi artikli fuq il-kuntatt dwar dan.

5.3. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li r-rappreżentant tal-Kunsill fuq il-GAL (Grupp Azzjoni Lokali) għandu jibqa' l-eks-Kunsillier Salvu Sciberras. Is-Sindku ħadet ukoll l-opportunità li tispjega kif jaħdem il-GAL.

5.4. Is-SE informa li kien sar pagamenti lill-Kunsill mill-Kumitat Konġunt Tramuntana għall-infurzar (is-sistema tal-*pooling*) għall-ammont ta' €18,000 bħala bilanċ mis-sistema tal-infurzar.

5.5. Is-SE informa li, wara li l-Kunsill kellu ordni biex jaqla' t-*thumps* kollha u m'għamilx dan għaliex kienet intbagħtet ittra ta' oġġezzjoni, l-ADT kienet bagħtet il-kuntrattur tagħha biex jieħu ħsieb jaqla' kollox hu. Madanakollu kien irnexxielu jsir arranġament mal-istess kuntrattur biex it-*thumps* kollha jiġu ritornati lura fl-imħażen tal-Kunsill għaliex kienu se jintremew.

5.6. Hawnhekk is-SE informa li, sadanittant, kien hemm ħafna talbiet oħra għal tpoġġija ta' *humps/thumps* u għaldaqstant talab lill-Kunsill biex jikkunsidra li jaddotta *policy* dwar talbiet simili għaliex hemm ħafna talbiet li, kieku jkollu jressaqhom kollha, kien jinħela ħafna ħin tal-Kunsill. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li talbiet għall-humps għandhom ikunu rifjutati immedjatament minn qabel ma jitressqu quddiem il-Kunsill ħlief f'każijiet ta' postijiet iffrekwentati minn ħafna nies bħal bandli, mużew, knisja u skola) u fejn hemm toroq dojoq bla bankina. Sadanittant kien hemm qbil li għandha ssir applikazzjoni għal *thump* fid-dawra tal-pjazza quddiem Palazzo Parisio (fejn diġà kien hemm waħda u nqalgħet).

5.7. Is-SE ipproġetta fuq l-i*screen* il-proposti tal-Gvern fir-rigward tar-riforma tat-trasport pubbliku. Kien hemm qbil dwar it-tliet proposti li jirrigwardaw in-Naxxar iżda għandu jiġi propost li, possibilment, ikun hemm trasport li jgħaqqad iż-żona tas-Sgħajtar u tal-Iskejjel 'Tekniċi'. Proposta ta' rotta li tista' tiġi ssuġġerita hija: Telgħa tal-Għaqba (Triq il-Kbira), Triq Leli Falzon, Triq il-Ħaddieda, Triq San Ġorġ, Triq il-Parroċċa, Pjazza, Vjal il-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru (it-tul kollu), Vjal il-Qalbiena Mostin, Triq il-Kanada, Triq l-Amerika, Triq l-Ingilterra, Triq il-Bjad, Triq il-Qoton, Triq l-Imgħażel, Triq l-Imħalla, Triq il-Musbieħ, Vjal il-21 ta' Settembru. Fir-rigward taż-żona ta' San Pawl tat-Tarġa, kien hemm qbil li tiġi ssuġġerita rotta li tgħaddi minn Triq San Pawl, Triq il-Kappella tax-Xagħra, Triq E. Bradford, Triq Jules Verne, Triq V. Boron, Triq il-Kappella tax-Xagħra, Triq J. H. Newman, Triq Torri Gauci, Triq it-Torri tal-Kaptan, Triq V. Boron, Triq San Publiju, Triq Santa Marija, Vjal il-21 ta' Settembru.

5.8. Is-Sindku infurmat li kienu tqassmu l-fondi li nġabru għall-vittmi tal-isplużjoni ta' Triq Ħal Dgħejf. Mal-flejjes li nġabru mingħand terzi persuni kienu ġew mgħoddija wkoll €3,000 mill-Kunsill, kif kien imsemmi f'laqgħat ta' qabel tal-Kunsill, liema flus is-soltu jiġu vvutati għal NaxxarFest. Is-SE informa li se jiġi ppubblikat rapport dwar it-tqassim ta' dawn il-fondi li iżda ma jistax jindika dettalji personali biex ma jesponix l-identità tal-individwi.

## 6. ĦLAS TA' KONTIJIET U SPEJJEŻ OĦRA

6.1. Is-SE informa li l-accountant kien għaddielu lista tal-kontijiet li ma kinitx kinitx verifikata. Kien hemm qbil li s-SE għandu jieħu ħsieb imexxi bil-ħlasijiet li jaf li m'hemmx problema fuqhom.

6.2. Is-SE informa li l-Arċipriet kien bagħat ittra lill-Kunsill li tgħid li l-*board of management* ma qabilx mal-proposta tal-Kunsill fir-rigward tal-parkeġġ tal-Oratorju u li għaldaqstant m'hemmx bażi fuq x'hiex wieħed jibqa' jiddiskuti.

## 7. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

7.1. Is-SE talab lis-Sindku u l-Kunsilliera biex jgħaddulu l-artiklu għall-gazzetta li jmiss sa mhux aktar tard mill-Erbgħa 20 ta' April 2009.

7.2. Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-10:30pm mingħajr ma kienet eżawrita l-aġenda.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |